

32005R1946

29.11.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 312/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1946/2005

ta' l-14 ta' Novembru 2005

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2007/2000 li jintroduċi miżuri kummerċjali eċċezjonali għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw jew huma marbuta mal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 2007/2000 ⁽¹⁾ jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2005.
- (2) Ladarba l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandhom ma ġewx konklużi mal-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent, huwa xieraq li l-perjodu ta' validità tar-Regolament (KE) Nru 2007/2000 jittawwal.
- (3) L-issuktar tal-ftuħ tas-suq huwa mistenni li jikkontribwixxi għall-proċess ta' stabilizzazzjoni politika u ekonomika fir-reġjun filwaqt li ma joħloqx effetti negattivi għall-Komunità Għaldaqstant, dawn il-preferenzi japplikaw għal perjodu ulterjuri, mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2010.
- (4) Karta Kostituzzjonali kienet adottata fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja fl-4 ta' Frar 2003, li biddlet l-isem ta' dak il-pajjiż għal Serbja u Montenegro u li tistabbilixxi qsim ta' kompetenzi bejn l-Unjoni ta' Stati u ż-żewġ Repubbliki kostitwenti.
- (5) Il-miżuri kummerċjali previsti fir-Regolament (KE) Nru 2007/2000 għandhom jieħdu in kunsiderazzjoni

wkoll lir-Repubblika tal-Montenegro, ir-Repubblika tas-Serbja u l-Kosovo, kif definiti fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 (1999), kull wiehied minnhom jikkostitwixxu territorji doganali separati.

- (6) Il-Komunità kkonkludiet Ftehim mar-Repubblika tas-Serbja dwar il-kummerċ fi prodotti tessili ⁽²⁾.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2007/2000 qiegħed huwa jiġi emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 1, (1) u (3), il-kliem "s-Serbja u l-Montenegro, inkluż il-Kosovo" irid jinbidel bil-kliem "it-territorji doganali tal-Montenegro, is-Serbja jew il-Kosovo";
- (2) Fl-Artikolu 3, (1) u (2), "ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja" trid tinbidel bil-kliem "it-territorji doganali tal-Montenegro jew il-Kosovo";
- (3) L-Artikolu 4 għandu jiġi emendat kif ġej:
 - (a) Fil-paragrafu 2, punt d), il-kliem "fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja inkluż il-Kosovo" irid jinbidel bil-kliem "fit-territorji doganali tal-Montenegro, is-Serbja jew il-Kosovo";
 - (b) Fil-paragrafu 4, frażi introduttiva u, punt c), il-kliem "is-Serbja u l-Montenegro, inkluż il-Kosovo" irid jinbidel bil-kliem "it-territorji doganali tal-Montenegro, is-Serbja jew il-Kosovo";

⁽¹⁾ ĠU L 240, tat-23.9.2000, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 374/2005 (ĠU L 203, 4.8.2005, p. 6).

⁽²⁾ ĠU L 90, tat-8.4.2005, p. 36.

(4) Fl-Artikolu 17, "31 ta' Diċembru 2005" għandha tinbidel b' "31 ta' Diċembru 2010".

Artikolu 2

(5) Fl-Anness I, taħt il-kolonna bit-titlu "Benefiċjarji", ir-referenzi kollha għar-"Repubblika Federali tal-Jugoslavja inkluż il-Kosovo" irid jinbidel b' "territorji doganali tal-Montenegro, is-Serbja jew il-Kosovo".

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2006.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, nhar il-14 ta' Novembru 2005.

Għall-Kunsill
Il-President
T. JOWELL